MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 26/2012

**Socjeta 360 Food Import Ltd**
**C 46590**

**Vs**

**Mario Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u tnejn u disghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€492.29) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu, 2011 tal-ittra legal ital-20 ta' Dicembru, 2011 u bl-

imghax legali mid-19 ta’ Awissu, 2011 sal-effett pagament, inkluz tlieta u ghoxrin Ewro u tlettin centezmu (€23.30) ghal-konsult.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-1 ta’ Gunju, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-1 ta’ Gunju, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbgha mija u tnejn u disghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€492.29) flimkien mal-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------